



Ġabra tal-ġurisprudenza

Digriet tal-President tal-Qorti Ġenerali tat-2 ta' Ġunju 2015 —

Buga vs Il-Parlament *et*

(Kawża T-241/15 R)

“Proċeduri għal miżuri provviżorji — Direttiva dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-iskop tal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu — Talba għal miżuri provviżorji — Inammissibbiltà manifesta tar-rikors prinċipali — Inammissibbiltà”

- 1. Proċedura ġudizzjarja — Eċċezzjonijiet ta' inammissibbiltà ta' ordni pubbliku — Nuqqas ta' osservanza tar-Regoli tal-Proċedura — Eżami ex officio mill-qorti (Artikoli 256(1) TFUE, 278 TFUE u 279 TFUE; Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, Artikolu 104) (ara l-punt 6)*
- 2. Proċeduri għal miżuri provviżorji — Sospensjoni tal-eżekuzzjoni — Kundizzjonijiet għall-ammissibbiltà — Ammissibbiltà prima facie tar-rikors prinċipali — Eżami sommarju tar-rikors prinċipali mill-Imħallef għal miżuri provviżorji — Att li ma jipproduċix effetti legali vinkolanti — Att li ma jistax ikun is-suġġett ta' rikors għal annullament — Inammissibbiltà (Artikoli 256(1) TFUE, 278 TFUE u 279 TFUE; Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, Artikolu 104(1)) (ara l-punti 7-9)*
- 3. Rikors għal annullament — Persuni fiżiċi jew ġuridiċi — Atti li jikkonċernawhom direttament u individwalment — Interess individwali — Oneru tal-prova li jaqa' fuq ir-rikorrent (ir-raba' paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE; Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2005/60, Artikolu 3(6)) (ara l-punt 14)*
- 4. Drittijiet fundamentali — Dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva — Stħarriġ tal-legalità tal-atti tal-Unjoni — Modalitajiet — Protezzjoni ta' dan id-dritt mill-qorti tal-Unjoni jew mill-qorti nazzjonali skont in-natura ġuridika tal-att ikkontestat (Artikolu 267 TFUE; Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, Artikolu 47) (ara l-punt 15)*
- 5. Proċeduri għal miżuri provviżorji — Miżuri provviżorji — Ġurisdizzjoni tal-Imħallef għal miżuri provviżorji — Għoti ta' ordnijiet fir-rigward ta' terzi — Limiti (Artikoli 256 TFUE u 279 TFUE; Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, Artikolu 104(1)) (ara l-punti 17, 20)*

6. *Proċeduri għal miżuri provviżorji — Miżuri provviżorji — Kundizzjonijiet għall-ammissibbiltà — Talba intiża sabiex jinkisbu miżuri li jmorru lil hinn mill-kuntest tal-kawża prinċipali — Inammissibbiltà (Artikoli 256(1) TFUE u 279 TFUE; Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, Artikolu 104(2)) (ara l-punt 18)*

Suġġett

Talba għal miżuri provviżorji intiża sabiex l-awtoritajiet Rumeni jiġu ordnati jissospendu l-proċeduri kriminali mibdija kontra r-rikorrent quddiem qorti nazzjonali.

Dispożittiv

- 1) It-talba għal miżuri provviżorji hija miċħuda.
- 2) L-ispejjeż huma rriżervati.